MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1081/2004

**Carlo Cini & Co**

**Vs**

**Vincent Cuschieri Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm1,308 (elf tlett mija u tmien liri Maltin) rapprezentanti prezz ta' fuel.

Illi s-socjeta' konvenuta nterpellata inutilment, u dana wkoll permezz ta' Ittra Ufficjali tat-23 t'April, 2004 baqghet ma hallsitx.

Bl-interessi mid-data ta' kull fattura rispettiva u bl-ispejjez inkluzi dik ta' l-Ittra Ufficjali tat-23 t'April, 2004.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Roberto Delic jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------